MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 393/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-attrici u l-konvenut C D izzewgu fit-8 ta' Lulju 2003, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta tieghu fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-

hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenut li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddecidi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-8 ta' Lulju 2003, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax ir-risposta tieghu u ghalhekk huwa kontumaci f'din il-kawza;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat it-8 ta' Lulju 2003 jigi dikjarat null u bla

effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(a), (b), (c), (d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tibda l-affidavit taghha billi tghid li l-ewwel darba li giet Malta kien fis-sena 2003 biex tistudja l-lingwa Ingliza. Waqt li kienet hawn Malta, ltaqghet mal-intimat u mill-ewwel saru hbieb. Iz-zewg partijiet kellhom kwazi l-istess eta. Wara xahar li saru jafu lil xulxin, l-intimat stqarr maghha li ma xtaqhiex terga’ tmur lura c-Cina izda l-attrici mill-ewwel qaltlu li ma kellhiex visa biex tibqa’ hawn Malta u ghalhekk kellha terga’ tmur lura lejn pajjizha. Kien ghalhekk li l-konvenut hareg bl-idea taz-zwieg, proprju biex ma tmurx lura lejn ic-Cina. Tghid li din il-proposta kienet ta’ xokk u ta’ sorpriza ghaliha imma accettat mill-ewwel. Huma zzewgu fit-8 ta’ Lulju 2003. Kollox sar fi zmien gimghatejn. Xtrat il-libsa imma ma sar ebda riceviment. Wara c-cerimonja l-partijiet marru fir-residenza tal-intimat.

Ftit wara z-zwieg bdew il-problemi ghaliex l-intimat beda johrog wahdu u jdum barra minghajr ma jghidilha fejn kien sejjer jew x’kien qed jaghmel. Xahar wara z-zwieg l-attrici skopriet li l-intimat kellu l-problemi mal-Pulizija tant li inghata sentenzi fuq serq u reati kriminali ohra. Ma setghetx taccetta li kienet mizzewga ragel kriminal u ghalhekk, wara ftit xhur miz-zwieg, l-attrici ddecidiet li tohrog barra mill-appartament fejn kienu qed jghixu ghaliex fi kliemha stess “***I was not living as a married woman***” ghaliex l-intimat baqa’ jghix hajja ta’ guvni u kien qed jinvolvi ruhu f’attivitajiet kriminali u bl-ebda mod ma riedet li tigi fl-inkwiet minhabba fih.

Iz-zwieg dam biss ftit xhur u l-attrici tghid illi rrealizzat mill-ewwel li kienet ghamlet zball meta zzewgitu ghaliex ma kienitx tafu sew. Tghid ukoll li kieku kienet taf li l-intimat kien involut f’attivitajiet kriminali, zgur li ma kienitx taccetta li tizzewgu.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar it-8 ta' Lulju 2003 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process. Il-Qorti tirrileva li l-unika prova li giet prezentata in atti hija fattwalment ix-xiehda tar-rikorrenti u xejn aktar. Ghalhekk, necessarjament il-Qorti trid tara jekk permezz tal-istess xiehda, r-rikorrenti rnexxilhiex taghmel prova tan-nullita' taz-zwieg taghha jew le.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(a) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975 u cioe' dak relatat mal-vjolenza fizika jew morali jew biza' li twassal sabiex il-kunsens ikun invalidat, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[1]**,** fejn giet spjegat x'tip ta' biza' jew pressjoni trid necessarjament tigi ppruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem l-Onorabbli Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"***.***

Il-Qorti tirrileva li permezz tal-affidavit taghha l-attrici ma ssemmi xejn li jista' b'xi mod jigi interpretat bhala prova ta' pressjoni jew vjolenza morali *ai termini* tal-kawza hawn fuq citata. Anzi l-attrici stess tghid li hija accettat mill-ewwel il-proposta tal-intimat ghaz-zwieg u ghalhekk, m'hemm xejn li jista' jwassal lil din il-Qorti ghal dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kunsens abbazi ta' dan l-artikolu.

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(b) l-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-istess rikorrenti ma ssir ebda referenza ghal xi forma ta' zball li seta' sar dwar l-identita' tal-partijiet jew tal-istess intimat. L-uniku accenn li taghmel l-attrici huwa l-fatt li ma kienitx taf li l-intimat jinvolvi ruhu f'attivitajiet kriminali, pero' dan huwa aspett tal-karattru tieghu jew ahjar tal-agir tieghu izda mhux zball ta' identita'. Konsegwentement, il-Qorti m'ghandha ebda bazi fuq x'hiex tasal ghal konkluzjoni ta' nullita fuq dan l-aggravju.

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-attrici jidher li l-aspett tal-kriminalita' kien mistur ghaliha tant li tghid li li kieku kienet taf b'dan l-aspett ma kienitx tizzewgu.

F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" .... dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***
***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti, anke wara li rat l-affidavit tal-istess attrici, m'hijiex konvinta li kien hemm aspett ta' qerq da parti tal-intimat. Huwa ferm possibbli wkoll li proprju minhabba l-fatt li l-istess partijiet ma damux ma zzewgu, tant li kollox sar fi zmien qasir, li l-partijiet ma tkellmux jew ghall-anqas ma semmewx dawk l-aspetti important tal-karattru taghhom u konsegwentement il-Qorti m'hijiex konvinta li kien hemm aspett frawdolenti da parti tal-intimat fuq dan l-aspett.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg ghar-ragunijiet hziena. Xejn ma hasbu dwar il-konsegwenzi taz-zwieg, dwar il-hajja taghhom bhala koppja mizzewga. L-intimat ried li l-attrici tibqa' mieghu hawn Malta u ra z-zwieg bhala soluzzjoni filwaqt li r-rikorrenti kienet fl-ghama dwar il-karattru tieghu u dwar l-agir tieghu (b'referenza specifika ghall-aspett kriminali). L-attrici accettat li tizzewweg ghax hasset li b'hekk setghet toqghod hawn Malta minghajr problemi. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni tad-decizjoni ghaz-zwieg, tirrizulta li kienet wahda impulsiva miz-zewg partijiet fis-sens li jidher li tali decizjoni ttiehdet bl-aktar mod legger. Dan ifisser li l-partijiet xejn ma hasbu fuq dak li kienu dehlin ghalih ghaliex min-naha taghha l-attrici tikkontendi li z-zwieg kien biss is-soluzzjoni legali sabiex l-istess attrici tkun tista' tibqa' hawn Malta u xejn aktar.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[2] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta’ xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

“***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie vs Borg Joseph**[3] fejn il-Qorti qalet **:** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

[2] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[3] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan anke in vista tal-fatt li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b’mod mghaggel hafna.

Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta’ xi forma ta’ simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b’mod parzjali. F’dan l-istadju il-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma ressaq xi forma ta’ prova li kien hemm xi eskluzjoni ta’ xi wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew li xi wiehed jew wahda minnhom kienet inkapaci li tassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li “***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***”.

Il-Qorti tirrileva li l-attrici ma rnexxilhiex iggib prova li permezz taghha tista’ turi li z-zwieg taghhom kien null u bla effett abbazi ta’ dan l-Artikolu ghaliex, minkejja li tallega li ma kellhiex intenzjoni li tizzewweg tant li tghid li din il-proprosta kienet ta’ xokk u ta’ sorpriza ghaliha (sal-mument meta l-intimat propona z-zwieg), ma tressqet ebda prova relatata mal-mument tal-kunsens taz-zwieg u jekk f’dak il-hin propizju kienitx qieghda taghmel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens taghha.

---

[4] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------